StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **Il-MALTI** | **L-Oral – It-Taħdita** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

***Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għal mistoqsijiet oħra u diskussjoni. Għalhekk, l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess għan.***

***Ftakar li l-eżaminatur irid isaqsi biss mistoqsija waħda.***

**(6 marki: 2 marki għat-tagħrif li jingħata; 2 marki għall-għarfien; 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti tal-istudent/a)**

IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI
- Xi tfisser il-kelma 'folklor' għalik?
- Semmi xi drawwa folkloristika li lilek tolqtok l-aktar.
- Kieku inti tgħix fi żmien l-imgħoddi, bid-drawwiet folkloristiċi li kellhom?
- Qabbel id-drawwiet marbuta mal-imgħoddi u llum ta' waħda minn dawn: ikel, mewt, twelid, tieġ.

IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA
- X'inhi l-"Kultura Maltija"? X'jifforma parti mill-kultura Maltija ta' żmienna?
- Tħobb xi waħda minn dawn ... Letteratura, Mużika, Żfin, Sports ... tkellem fuq tnejn (jew waħda) minn dawn f'Malta ta' żmienna.
- Il-moda llum ... tħobbha? Għaliex? Hemm xi differenzi mal-imgħoddi?
- Qabbel żmien l-imgħoddi ma' tal-lum fejn jidħlu tnejn minn dawn: xogħol, djar, ilbies, passatempi/divertiment, safar, logħob tat-tfal (u kbar), għajxien ...
- Tkellem fuq personalità Maltija li għamlet isem għaliha.
- Dilettant/a ta' xi ħaġa? Għasafar? Klieb? Ħut? Żwiemel? Ħjata? Tisjir? Mużika? Dilettant/a ta' xi ħaġa oħra? Tkellem fuqha.

LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA
- Minn liema lingwi ġej l-Ilsien Malti? + mis-silta (jew le) agħti kelma ta' nisel Semitiku, Rumanz u Anglo-Sassonu.
- Huwa ta' vantaġġ illum li tkun taf aktar minn lingwa waħda? Jew il-Malti biss biżżejjed? / Il-lingwi għandhom ikollhom importanza f'ħajjitna?
- Tarah sabiħ l-Ilsien Malti? Għaliex?
- Il-mezzi ta' komunikazzjoni (televixin, radju, gazzetti, eċċ) qegħdin jgħinu u jsaħħu l-Ilsien Malti? Jew qegħdin idgħajfuh?
- Smajt bih Mikiel Anton Vassalli? Taf min hu?



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 1 Il-Mellieħa

**Il-Mellieħa tal-lum hija ċentru importanti għat-turiżmu. Insibu lukandi, ħwienet tax-xorb u restoranti. Il-Mellieħa għandha wirt kbir naturali. Insibu widien, xtajta mrammla u veduti tassew tal-għaġeb.**

**Il-kelma "Mellieħa" aktarx ġejja mill-Grieg 'Melea', li tfisser għasel. Hawn min hu tal-fehma li l-kelma ġejja mill-kelma 'melħ'. Fi żmien ir-Rumani u l-Puniċi din il-lokalità kienet magħrufa għall-produzzjoni tal-melħ.**

**Il-knisja parrokkjali tal-Mellieħa hija ddedikata lit-twelid ta' Sidtna Marija – il-Bambina jew il-Vittorja. Il-knisja nbniet bejn is-snin 1881 u 1889. Il-ġebel inqata' mill-barrieri li hemm fl-aħrax tal-Mellieħa. Kienu l-bdiewa Melliħin li ġarrew dan il-ġebel lejn fejn kellha tittella' l-knisja.**

**(addattament minn kitba ta' Joseph C Camilleri, 2011)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *X'inhi l-Mellieħa llum?*
- *Issib minn kollox ... lukandi, ħwienet tax-xorb u tal-ikel*
- *Għandha wirt naturali uniku u sabiħ*
- *Minn fejn ġejja l-kelma?*
- *Meta u kif inbniet il-knisja parrokkjali tal-Mellieħa*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 2 Id-Debba tax-Xitan

**Id-Debba tax-Xitan hija insett li jiekol insetti oħra. Għandha par saqajn kbar u bix-xewk fuq quddiem, u ras qisha ta' dragun b'par għajnejn kbar. Dawn l-għajnejn jagħtuha vista tajba biex tilmaħ insetti oħra u biex tikkalkula d-distanza eżatta tagħhom waqt li tkun qed tikkaċċja. Tista' tkun kannella jew ħadra, żewġ kuluri li jgħinuha tinħeba qalb il-weraq u friegħi fejn tgħix u b'hekk ma tagħtix fil-għajn.**

**Għalhekk mhux faċli li taraha, għax tħobb iżżomm moħbija qalb il-friegħi, imma jekk taraha mill-viċin żgur tfakkrek f'xi mostru maħluq għal xi film tal-biża'. Hija żżomm saqajha ta' quddiem milwija, qisha qiegħda titlob.**

**Id-Debba tax-Xitan tgħaddi l-parti l-kbira tal-ġurnata tgħarrex għal insetti oħra. Tgħaddi ħin twil bla ma titħarrek. Malli jersaq insett ta' daqs tajjeb viċin biżżejjed lejha toħroġ is-saqajn ta' quddiem u f'ħakka t'għajn taħtfu u tibda tiekol bil-mod il-mod.**

**(addattament minn kitba ta' Paul Portelli, 2002)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Id-Debba tax-Xitan hija insett partikolari ... id-deskrizzjoni tagħha ... tfakkrek f'xi mostru ġo film tal-biża'*
- *Saqajha ta' quddiem dejjem iżżommhom milwija, qisha qiegħda titlob.*
- *Hija taf tikkaċċja ħafna, u rari tfalli milli taqbad il-priża tagħha.*
- *Ma tantx taraha malajr għax taf tinħeba qalb il-friegħi*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 3 L-Imtieħen tar-Riħ fil-Filatelija

**Il-*Maltapost* snin ilu żdiedet mal-lista twila ta' fergħat tal-posta madwar id-dinja li ħarġu bolol dwar l-imtieħen tar-riħ meta ħarġet sett ta' tliet bolol dwar dan is-suġġett. Forsi ħafna minnkom jistagħġbu xħin jisimgħu dan!**

**L-Olanda, bla dubju, huwa pajjiż li ħareġ ħafna bolol dwar dan is-suġġett. Iżda intom tafu li fl-imgħoddi l-iskop ewlieni tal-imtieħen tar-riħ kien li jiġi mitħun il-qamħ li jintuża biex isir il-ħobż. Għalhekk wieħed ma għandux jiskanta li numru kbir ta' pajjiżi ħarġu bolol ta' dix-xorta. Għax il-ħobż hu parti importanti fil-ħajja tal-bniedem.**

**L-imtieħen, li fl-imgħoddi kienu jagħmlu użu mill-enerġija tar-riħ, tfaċċaw fl-Ewropa fl-ewwel nofs tas-seklu tnax. Mal-milja tas-snin sarilhom żvilupp f'dak li hu daqs, saħħa u effiċjenza. L-imtieħen tar-riħ iddaħħlu Malta fi żmien il-Gran Mastru Nikol Kottoner, u l-ewwel imtieħen tar-riħ inbnew fuq is-swar tal-Belt. Intom żgur smajtu bil-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq u dik ta' Kola fix-Xagħra, Għawdex. Imtieħen tar-riħ li llum jagħmlu sehem mill-patrimonju kulturali Malti u xieraq li mal-ewwel okkażjoni li jkollkom tmorru żżuruhom.**

**(addattament minn kitba ta' Alfred Ellul Galea, 2004)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Il-*Maltapost *ħarġet sett ta' tliet bolol* fuq *l-imtietħen tar-riħ*
- *L-għan tal-imtieħen fl-imgħoddi kien li jiġi mitħun il-qamħ għall-ħobż*
- *Tfaċċaw fl-ewwel nofs tas-seklu tnax, u maż-żmien sarilhom żvilupp kbir.*
- *Hawn Malta dehru l-ewwel darba l-Belt, fi żmien il-ħakma tal-GM Nikol Kottoner.*
- *famużi Malta l-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq u dik ta' Kola f'Għawdex*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 4 Il-Geżwira

**L-aktar in-nisa fil-kampanja, fuq id-dublett kienu jilbsu wkoll bħal dublett ieħor, imma dan kien ikun biċċa drapp kbira rettangolari. Din kienet il-geżwira, li kienu jorbtu b'ħafna ġmiegħ ma' qaddhom, imma l-ġenb jibqa' miftuħ. Fejn ikun miftuħ, il-ġenb jinqafel b'għadd ta' ċfuf jew żigarelli. Kemm-il darba kienu jużaw il-geżwira bħala għata tar-ras, billi jħollulha ċ-ċfuf u jtellgħuha fuq rashom. Aktarx li din il-geżwira kienet tkun blu b'xi strixxi bajdana mad-dawra t'isfel. Nisa tal-kampanja li kienu jmorru jbigħu f'postijiet oħra kien ikollhom bħal borża jew basket taċ-ċarruta marbut ma' qaddhom taħt iċ-ċulqana biex iservi bħala but, u jilħquh mill-ġenb il-miftuħ. Taħt id-dublett normali, in-nisa kienu jilbsu dublett ieħor li ħafna drabi kien ikollu l-bizzilla li jħalluha tidher barra. Fuq kollox imbagħad kienu dejjem iħobbu jilbsu fardal kbir mill-qadd s'isfel nett.**

**(addattament minn kitba ta' Guido Lanfranco, 2003)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *In-nisa fil-kampanja kienu jħobbu ħafna jilbsu l-geżwira*
- *X'inhi l-geżwira? Dublett bil-ġenb miftuħ, fejn dan il-ġenb jinqafel b'għadd ta' ċfuf jew żigarelli.*
- *Ġieli jużawha biex jgħattu rashom*
- *Ta' lewn blu bi strixxi bojod isfel*
- *Il-ġenb il-miftuħ ideali biex idaħħlu idhom biex jilħqu l-basket ta' taħt*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

# 5 Ma mortx skola

**Ma mortx skola. Qgħadt fis-sodda għas-sħana. Ippruvajt it-temperatura. Ma kellix bżonn indeffisha fit-te biex titla', kif kont nagħmel meta kont żgħir biex inwerwer lil ommi u ma tibgħatnix skola. Telagħli mija u tlieta. Bi dritt u dmir ommi, missieri u oħti għandhom jiġu ħdejja u jwennsuni. Ħadd minnhom m'għamilha. F'xis-sitta ġie t-tabib. Raġel m'ogħla hawn. Il-bagalja tiegħu taffaxxinani. Jiftaħha u nara salt kxaxen żgħar, u bwiet. Bilfors raġel intelliġenti. Għandu jifhimni, għedt jien. Hu intelliġenti, jien imdawwal. Kif daħal fil-kamra qalli, "X'ġaralu llum seħibna?" M'għedtlu xejn. "Ara min irid isalva lil Malta wkoll!" Biex ma ntawwalx wisq, għax waqqagħli s-*self esteem* kollu tiegħi f'ħakka t'għajn, qalli li għandi bidu ta' bronkite, b'deni qawwi ta' żiemel. Ommi twerwret. Jien aktar minnha. Ordnali l-pilloli, minn dawk taż-żewġ kuluri li kif titfagħhom f'ħalqek joqtluk. Missieri ħarab biex jilħaq jixtrihom qabel ma jagħlqu l-ispiżeriji. Ħadt gost nara lil kulħadd għaddej bla nifs biex jaqdini.**

**(silta meħuda mir-rumanz *Sena mill-ħajja mistura ta' Daniel Tusa* ta' Edgar Formosa)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *It-tifel ħassu ma jiflaħx, ma marx skola, kellu d-deni.*
- *Biex ibeżża' lil ommu kien ideffes it-temperatura tad-deni fit-te biex jimmarka li kellu d-deni, iżda mhux did-darba.*
- *It-tabib raġel li jaffaxxinah ħafna*
- *Kellu bronkite, ommu beżgħet, anke hu, missieru mar jixtri l-pilloli.*
- *Ħa gost jara lil kulħadd għaddej sparat biex jaqdih ...*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tinsiex li l-kandidati jistgħu jħarsu lejn il-karta meta jwieġbu, iżda jridu jwieġbu fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 6 Ruma, il-Belt Eterna

**Sekli ilu laqqmuha l-"Belt Eterna", għax donnu li kemm ilha wieqfa, jiġifieri mis-sena 753 qabel Kristu, minkejja l-ħafna ġrajjiet sbieħ u koroh li għaddiet minnhom, Ruma għadha hemm. L-imgħoddi tagħha tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk, u t-taħlita ta' stili fil-bini tagħha hi xhieda ħajja tal-Istorja kbira tagħha.**

**Jingħad ukoll li kull triq twassal għal Ruma. Dan imur lura għal meta minn raħal żgħir ta' ftit rgħajja żviluppat f'belt kbira u b'saħħitha li ħakmet lill-Italja kollha u wara wkoll id-dawra kollha tal-Mediterran u lil hinn minnu.**

**Ruma hija belt li tgħidlek "Imxi fit-toroq u l-pjazez tiegħi u tgħaxxaq u tpaxxa bi ġmieli". Jekk ma tagħmilx hekk titlef ħafna. Għalija Pjazza Navona hija l-isbaħ pjazza tal-belt, "l-isbaħ salott tad-dinja" jgħidulha, u bir-raġun. U xi ngħidu mbagħad għall-Colosseo, magħruf ħafna għad-daqs kbir tiegħu?**

**(addattament minn kitba ta' Albert G Storace, 2009)**

***Punti Ewlenin (Gwida)***

- *Ruma magħrufa bħala l-"Belt Eterna" għax ilha ħafna żmien wieqfa*
- *L-istorja tagħha taraha quddiemek, ma' kull pass li timxi.*
- *Ruma tqawwiet sakemm ħakmet lill-Italja kollha u aktar lil hinn*
- *Belt sabiħa ħafna, ara biss biss Pjazza Navona u l-Colosseo.*



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sew din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 1 Il-Mellieħa

**Il-Mellieħa tal-lum hija ċentru importanti għat-turiżmu. Insibu lukandi, ħwienet tax-xorb u restoranti. Il-Mellieħa għandha wirt kbir naturali. Insibu widien, xtajta mrammla u veduti tassew tal-għaġeb.**

**Il-kelma "Mellieħa" aktarx ġejja mill-Grieg 'Melea', li tfisser għasel. Hawn min hu tal-fehma li l-kelma ġejja mill-kelma 'melħ'. Fi żmien ir-Rumani u l-Puniċi din il-lokalità kienet magħrufa għall-produzzjoni tal-melħ.**

**Il-knisja parrokkjali tal-Mellieħa hija ddedikata lit-twelid ta' Sidtna Marija – il-Bambina jew il-Vittorja. Il-knisja nbniet bejn is-snin 1881 u 1889. Il-ġebel inqata' mill-barrieri li hemm fl-aħrax tal-Mellieħa. Kienu l-bdiewa Melliħin li ġarrew dan il-ġebel lejn fejn kellha tittella' l-knisja.**

**(addattament minn kitba ta' Joseph C Camilleri, 2011)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sew din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'<u>Malti mitkellem tajjeb</u>)**

## 2 Id-Debba tax-Xitan

**Id-Debba tax-Xitan hija insett li jiekol insetti oħra. Għandha par saqajn kbar u bix-xewk fuq quddiem, u ras qisha ta' dragun b'par għajnejn kbar. Dawn l-għajnejn jagħtuha vista tajba biex tilmaħ insetti oħra u biex tikkalkula d-distanza eżatta tagħhom waqt li tkun qed tikkaċċja. Tista' tkun kannella jew ħadra, żewġ kuluri li jgħinuha tinħeba qalb il-weraq u friegħi fejn tgħix u b'hekk ma tagħtix fil-għajn.**

**Għalhekk mhux faċli li taraha, għax tħobb iżżomm moħbija qalb il-friegħi, imma jekk taraha mill-viċin żgur tfakkrek f'xi mostru maħluq għal xi film tal-biża'. Hija żżomm saqajha ta' quddiem milwija, qisha qiegħda titlob.**

**Id-Debba tax-Xitan tgħaddi l-parti l-kbira tal-ġurnata tgħarrex għal insetti oħra. Tgħaddi ħin twil bla ma titħarrek. Malli jersaq insett ta' daqs tajjeb viċin biżżejjed lejha toħroġ is-saqajn ta' quddiem u f'ħakka t'għajn taħtfu u tibda tiekol bil-mod il-mod.**

**(addattament minn kitba ta' Paul Portelli, 2002)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sew din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 3 L-Imtieħen tar-Riħ fil-Filatelija

**Il-*Maltapost* snin ilu żdiedet mal-lista twila ta' fergħat tal-posta madwar id-dinja li ħarġu bolol dwar l-imtieħen tar-riħ meta ħarġet sett ta' tliet bolol dwar dan is-suġġett. Forsi ħafna minnkom jistagħġbu xħin jisimgħu dan!**

**L-Olanda, bla dubju, huwa pajjiż li ħareġ ħafna bolol dwar dan is-suġġett. Iżda intom tafu li fl-imgħoddi l-iskop ewlieni tal-imtieħen tar-riħ kien li jiġi mitħun il-qamħ li jintuża biex isir il-ħobż. Għalhekk wieħed ma għandux jiskanta li numru kbir ta' pajjiżi ħarġu bolol ta' dix-xorta. Għax il-ħobż hu parti importanti fil-ħajja tal-bniedem.**

**L-imtieħen, li fl-imgħoddi kienu jagħmlu użu mill-enerġija tar-riħ, tfaċċaw fl-Ewropa fl-ewwel nofs tas-seklu tnax. Mal-milja tas-snin sarilhom żvilupp f'dak li hu daqs, saħħa u effiċjenza. L-imtieħen tar-riħ iddaħħlu Malta fi żmien il-Gran Mastru Nikol Kottoner, u l-ewwel imtieħen tar-riħ inbnew fuq is-swar tal-Belt. Intom żgur smajtu bil-mitħna tax-Xarolla fiż-Żurrieq u dik ta' Kola fix-Xagħra, Għawdex. Imtieħen tar-riħ li llum jagħmlu sehem mill-patrimonju kulturali Malti u xieraq li mal-ewwel okkażjoni li jkollkom tmorru żżuruhom.**

**(addattament minn kitba ta' Alfred Ellul Galea, 2004)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| **Il-Ħames Klassi** | **IL- MALTI** | **L-Oral – Il-Qari** |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sew din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 4 Il-Geżwira

**L-aktar in-nisa fil-kampanja, fuq id-dublett kienu jilbsu wkoll bħal dublett ieħor, imma dan kien ikun biċċa drapp kbira rettangolari. Din kienet il-geżwira, li kienu jorbtu b'ħafna ġmiegħ ma' qaddhom, imma l-ġenb jibqa' miftuħ. Fejn ikun miftuħ, il-ġenb jinqafel b'għadd ta' ċfuf jew żigarelli. Kemm-il darba kienu jużaw il-geżwira bħala għata tar-ras, billi jħollulha ċ-ċfuf u jtellgħuha fuq rashom. Aktarx li din il-geżwira kienet tkun blu b'xi strixxi bajdana mad-dawra t'isfel. Nisa tal-kampanja li kienu jmorru jbigħu f'postijiet oħra kien ikollhom bħal borża jew basket taċ-ċarruta marbut ma' qaddhom taħt iċ-ċulqana biex iservi bħala but, u jilħquh mill-ġenb il-miftuħ. Taħt id-dublett normali, in-nisa kienu jilbsu dublett ieħor li ħafna drabi kien ikollu l-bizzilla li jħalluha tidher barra. Fuq kollox imbagħad kienu dejjem iħobbu jilbsu fardal kbir mill-qadd s'isfelnett.**

**(addattament minn kitba ta' Guido Lanfranco, 2003)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com



**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sew din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 5 Ma mortx skola

**Ma mortx skola. Qgħadt fis-sodda għas-sħana. Ippruvajt it-temperatura. Ma kellix bżonn indeffisha fit-te biex titla', kif kont nagħmel meta kont żgħir biex inwerwer lil ommi u ma tibgħatnix skola. Telagħli mija u tlieta. Bi dritt u dmir ommi, missieri u oħti għandhom jiġu ħdejja u jwennsuni. Ħadd minnhom m'għamilha. F'xis-sitta ġie t-tabib. Raġel m'ogħla hawn. Il-bagalja tiegħu taffaxxinani. Jiftaħha u nara salt kxaxen żgħar, u bwiet. Bilfors raġel intelliġenti. Għandu jifhimni, għedt jien. Hu intelliġenti, jien imdawwal. Kif daħal fil-kamra qalli, "X'ġaralu llum seħibna?" M'għedtlu xejn. "Ara min irid isalva lil Malta wkoll!" Biex ma ntawwalx wisq, għax waqqagħli s-*self esteem* kollu tiegħi f'ħakka t'għajn, qalli li għandi bidu ta' bronkite, b'deni qawwi ta' żiemel. Ommi twerwret. Jien aktar minnha. Ordnali l-pilloli, minn dawk taż-żewġ kuluri li kif titfagħhom f'ħalqek joqtluk. Missieri ħarab biex jilħaq jixtrihom qabel ma jagħlqu l-ispiżeriji. Ħadt gost nara lil kulħadd għaddej bla nifs biex jaqdini.**

**(silta meħuda mir-rumanz *Sena mill-hajja mistura ta' Daniel Tusa* ta' Edgar Formosa)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

| Il-Ħames Klassi | IL- MALTI | L-Oral – Il-Qari |
|---|---|---|

**(Il-Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sew din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

**(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb)**

## 6 Ruma, il-Belt Eterna

**Sekli ilu laqqmuha l-"Belt Eterna", għax donnu li kemm ilha wieqfa, jiġifieri mis-sena 753 qabel Kristu, minkejja l-ħafna ġrajjiet sbieħ u koroh li għaddiet minnhom, Ruma għadha hemm. L-imgħoddi tagħha tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk, u t-taħlita ta' stili fil-bini tagħha hi xhieda ħajja tal-Istorja kbira tagħha.**

**Jingħad ukoll li kull triq twassal għal Ruma. Dan imur lura għal meta minn raħal żgħir ta' ftit rgħajja żviluppat f'belt kbira u b'saħħitha li ħakmet lill-Italja kollha u wara wkoll id-dawra kollha tal-Mediterran u lil hinn minnu.**

**Ruma hija belt li tgħidlek "Imxi fit-toroq u l-pjazez tiegħi u tgħaxxaq u tpaxxa bi ġmieli". Jekk ma tagħmilx hekk titlef ħafna. Għalija Pjazza Navona hija l-isbaħ pjazza tal-belt, "l-isbaħ salott tad-dinja" jgħidulha, u bir-raġun. U xi ngħidu mbagħad għall-Colosseo, magħruf ħafna għad-daqs kbir tiegħu?**

**(addattament minn kitba ta' Albert G Storace, 2009)**



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-*eLearning*
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

StudentBounty.com

**IL-ĦAMES KLASSI** **IL-MALTI** **IL-ĦIN: SAGĦTEJN**

L-Isem: ______________________ Il-Klassi: _________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-KANDIDAT/A:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA TAL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | Oral | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 12 | 22 | 14 | 22 | 20 | 10 | **100** |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________
______________________________________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa din is-silta, u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

**L-ISKOLA**

Is-Surmast u l-*Form Teacher* kienu ilhom ġimgħa sħiħa jgħidulna u jtanbrulna u jdejquna x'għandna nagħmlu fil-*Fire Drill*. Ħadulna rasna, anke pjanta tal-iskola tawna, imkabbra daqs dinja, bi vleġeġ biex juruna d-direzzjoni minn fejn għandna ngħaddu, kull klassi, fl-inqas ħin possibbli, biex neħilsu min-"nar". U waħħluha man-*notice board* tal-klassi. Irridu nitfu d-dawl u nagħlqu t-twieqi wkoll. Kulħadd irid joħroġ mill-klassi fi kwiet kbir, bla ħoss. Ara min se jkun dak il-ħmar li, biex jevita n-nar, se joqgħod jimxi bil-mod, bla ġiri, bl-ordni, kif iriduna, *single file*, tul kuritur twil xi ħamsin metru, biex ma naħbtux ma' klassijiet oħrajn qalulna, meta ħdejn il-bieb tal-klassi tagħna, xi sitt metri biss bogħod, hemm il-bieb tal-bitħa! Jekk veru jkun hemm xi nar naqbżu kollha barra mit-tieqa għal barra u nkunu lesti. Lanqas biss nużawh il-bieb! Jien l-ewwel wieħed. Bl-għalliem b'kollox ukoll naħseb.

(silta meħuda mir-rumanz *Sena mill-ħajja mistura ta' Daniel Tusa*, miktub minn Edgar Formosa)

## A. FEHIM IT-TEST (12-il marka)

1. *Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha.* (6 marki)

i. Is-Surmast u l-*Form Teacher* kienu ilhom (xahar sħiħ, ġimagħtejn sħaħ, sebat ijiem sħaħ) jgħidulhom x'għandhom jagħmlu fil-*Fire Drill*.

ii. Fuq il-pjanta tal-iskola li tawhom kien hemm (qabda vleġeġ biex juruhom minn fejn iridu jgħaddu, il-librerija mmarkata bl-aħmar, l-ismijiet tal-għalliema kollha).

iii. Qalulhom li jridu (jitilqu jiġru b'saħħa, joħorġu mill-klassi fi kwiet kbir u bla ħoss, ma jagħtux kas) meta jkollhom il-*Fire Drill*.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. *Kompli t-tweġiba.* (6 mar[ki])

i. Ħdejn il-bieb tal-k__________ , daqs xi s_______ m_________ biss bogħod, kien hemm il-bieb tal-bitħa.

ii. Ma' fejn waħħluha l-pjanta tal-iskola s-Surmast u l-*Form Teacher*?

Il-pjanta tal-iskola waħħluha man-n________ b_________ tal-k_______.

## B. LINGWA (22 marka)

1. *Immarka n-Nomi b'sing taħthom*. L-ewwel waħda lesta. (5 marki)

i. Irridu nitfu d-dawl u nagħlqu t-twieqi wkoll.

ii. Ħadulna rasna, anke pjanta tal-iskola tawna.

iii. Jekk se jkun hemm in-nar, naqbżu żgur barra mit-tieqa.

2. *Aqleb mill-Femminil għall-Maskil*. L-ewwel waħda lesta. (5 marki)

| | |
|---|---|
| i. It-tifla tilgħab it-tennis. | i. It-tifel jilgħab it-tennis. |
| ii. Ommi tħobb issajjar l-istuffat. | ii. _____________ ___________ ____________ l-istuffat. |
| iii. Il-kelba nadifa tassew. | iii. Il-_________ _________ tassew. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. *Sib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel, bħal fl-eżempju*. (5 m

i. Jiena għandi **subgħajja** (is-subgħajn tiegħi) twal u rqaq ħafna.
ii. Aħna nħobbu _____________ (il-verb 'kiel' fil-preżent) l-ħobż mixwi.
iii. Pawlu ____________________ (seraq il-*biro* lil Marju).
iv. ______________________ (Waddabna lil Marija) l-baħar.
v. Tassew ngħidilkom, _____________ (jiena, Toni u Pietru) nħobbuh ħafna l-futbol, l-aktar it-tim tal-Liverpool.
vi. Il-kotba _____________ (inħobb lilhom) ħafna, u nixtri wieħed kull ġimgħa.

| |
|---|
| **subgħajja**, Waddabnieha, nħobbhom, seraqhielu, aħna, nieklu |

4. *Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel, bħal fl-eżempju*. (7 marki)

Is-sena l-oħra morna **vaganza** Londra, il-belt kapitali tal-Ingilterra. Tgħidx kemm hi _______________! Minn ġol-belt tgħaddi ____________ kbira jisimha *Thames*. Minn fuqha jgħaddu ħafna dgħajjes, u tara wkoll ħafna _________________. Għal min iħobb jixtri hemm triq twila ħafna mimlija _________________, u jisimha *Oxford Street*. Tkun mimlija __________, din it-triq! Il-ħdura wkoll ma tonqosx! Hemm ħafna _____________ kbar u sbieħ, mimlija fjuri ta' kull lewn. Il-kulur _____________ huwa vera sabiħ fuq ix-xarabanks li jduru fil-belt ta' Londra!

| |
|---|
| xmara, ħwienet, aħmar, sabiħa, **vaganza**, nies, pontijiet, ġonna |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. MALTI PRATTIKU (14-il mar…

Irranġa dawn is-sentenzi wara xulxin bin-numri 2 sa 8 ħalli turi sew kif għandek tagħmel tajra (manoċċa). L-ewwel waħda hija lesta.

| | |
|---|---|
| Aqta' madwaru l-qafas, u ħalli xi 3 ċentimetri kull naħa biex tkun tista' tirrumblah madwar il-ħajta soda tal-qafas, u inkolla kollox sew. | |
| Għaddi ħajta soda mad-dawra kollha. Kun ċert li tkunlek twila biżżejjed, u tgħaddiha sew ġol-erbat itruf tal-*bamboo*, fejn għamilt il-qasma, għax dak se jkunlek il-qafas tat-tajra. | |
| Orbot ħajta ħoxna mal-parti ta' fuq tat-tajra, li biha tkun tista' tidderiġiha sew it-tajra, u issa lest biex tagħmel l-ewwel titjira! Ħu gost! | |
| Kun ċert li jkunu sodi ma' xulxin; tista' torbothom b'ħabel irqiq jew anke tagħmillhom il-kolla fejn imissu ma' xulxin biex jibqgħu sodi. | |
| Poġġi l-karta/i kkulurita/i tat-tajr ċatta/i fuq mejda, u mbagħad poġġi l-qafas tat-tajra (is-salib tal-*bamboo*) fuqha/hom. | |
| Aqbad żewġ bċejjeċ dritti tal-injam tal-*bamboo*, waħda iżgħar mill-oħra, u agħmilhom fuq xulxin forma ta' salib. | **1** |
| Agħmel qasma kemxejn kbira fl-erbat itruf tal-*bamboo*. | |
| Agħmillha denb twil imżejjen sabiħ u kkulurit mal-parti t'isfel tat-tajra, imwaħħal bil-kolla. Ħaddem l-immaġinazzjoni tiegħek kif tagħmlu. | |

## D. LETTERATURA (22 MARKA)

1. ***Poeżija***. Aqra sew din is-silta ta' poeżija, u wara wieġeb. (10 marki)

( … )
U taħseb, waqt ix-xogħ'l, Mananni taħseb
fl-ikel magħżul u bnin, imħawwar sewwa,
li, ġo platti tal-fidda,
ġurnata għad jitqiegħed
fuq wiċċ id-dvalja tagħha.
U l-ħsieb tal-ikel sħun u tal-inbid
jiftħilha dlonk l-aptit.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Għalhekk Mananni tidħol ġewwa
sabiex titrejjaq ftit
b’nofs ħobża tal-maħlut, biż-żejt miksija,
tadam bżenguli
( … )

i. Il-poeżija li minnha hi meħuda din is-silta jisimha *M*____________ u kitibha Ġorġ P_________. Tinsab fit-Taqsima *Kar*__________.

ii. Fuq xiex minn dawn toqgħod taħseb waqt ix-xogħol Mananni?

(a) sbuħitha, (b) ir-ross il-forn li għamlet, (ċ) l-inbid,
(d) il-programm favorit tagħha fuq ir-radju.

iii. X’jiġrilha meta toqgħod taħseb hekk?

(a) imurilha l-ġuħ, (b) jiftħilha b’qawwa l-aptit, (ċ) tmur tixtri pizza.

iv. Xi jfissru:

(i) *imħawwar sewwa* (v. 2) – (a) mimli b’ħafna ħwejjeġ tajbin, (b) ħażin, (ċ) imbulġat bl-addoċċ.

(ii) *titrejjaq ftit* (v. 9) – (a) tmur tistrieħ, (b) tmur tiekol, (ċ) issajjar ftit.

v. Fil-poeżija nsibu tip ta’ kuntrast. Bejn xiex huwa l-kuntrast? (agħżel tnejn mill-kaxxa t’isfel)

Il-kuntrast jinsab bejn l-ikel ______________________ li jieklu s-sinjuri u l-____________________ li tiekol hi.

| ħobż biż-żejt, insalata, magħżul u bnin, imsajjar sew |
|---|

vi. Fejn taħseb li toqgħod Mananni?

(a) Malta, (b) Kemmuna, (ċ) Sqallija, (d) Għawdex



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

2. ***Proża.*** Aqra sew din is-silta ta' proża, u wara wieġeb. (12-il ma

( … )

Il-kliem ma kienx biżżejjed. Gerit tilfet rasha, tbaxxiet daqsxejn, neżgħet iż-żarbuna u waħħlet daqqa biha fuq moħħ Ċikka. Ma kenitx daqqa. Minn moħħ Ċikka deher ħiereġ <u>gelgul</u> ta' demm, u din, malli ntebħet, bdiet tgħajjat u tibki kemm tiflaħ. Gerit malli rat id-demm tbikkmet u ma għarfetx x'taqbad tagħmel. F'dan il-waqt deher riesaq pulizija u mar fuqhom.

Lil Ċikka daru xi erba' nisa magħha u baqgħu sejrin biha lejn il-berġa, u n-nies l-oħra daru kollha ma' Gerit u l-pulizija. Dan resaq lejha, u bi ktejjeb imgħattan u biċċa lapis migduma li kien sikwit ixarrbilha l-<u>fguna</u> bit-tarf ta' lsienu f'idejh ried jaf x'inqala'.

i. Din is-silta hija meħuda minn silta itwal li jisimha "Il-Ġ_________a", u kitibha W___________ B___________.

ii. Għalfejn tilfet rasha Gerit?

(a) għax iġġieldet ma' Ċikka fuq bajda

(b) għax Ċikka ħaditilha r-raġel

(ċ) għax f'dak il-ħin tal-jum dejjem kienet tħobb tiġġieled ma' xi ħadd

iii. Għalfejn taħseb li tbikkmet Gerit meta rat dak id-demm fuq Ċikka u ma kenitx taf x'għandha tagħmel?

(a) għax tqattgħalha ż-żarbun

(b) għax riedet tagħtiha aktar daqqiet u minħabba l-pulizija ma setgħetx

(ċ) għax inħasdet u beżgħet

iv. X'mar jagħmel il-pulizija ħdejhom?

(a) għax il-ġlied jieklu

(b) ried ikun jaf x'qed jiġri

(ċ) ried jurihom x'lapis għandu



StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

v. Xi jfisser il-kliem b'sing taħtu fis-silta?

(i) *gelgul*: (a) ħafna, (b) qatra, (ċ) ftit mhux ħażin

(ii) *imgħattan*: (a) ċkejken, (b) tawwali, (ċ) mgħaffeġ

(iii) *fguna*: (a) il-manku, (b) it-tul tiegħu, (ċ) it-tarf tal-lapis, il-ponta

vi. Ma' min kienu jaħdmu Ċikka u Gerit?

(a) ma' Jumi u Petriga

(b) ma' Frans u Rosie

(ċ) mat-tabib u n-negozjant

vii. Fil-bqija tas-silta niltaqgħu ma' żewġ karattri tassew ħelwin. Dawn kienu t-tifel X_____________ u l-qaddejja K _______________ .

## E. KITBA TA' SENTENZI/PARAGRAFI (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn fuq karta separata.

i. Inqbadt f'maltempata qalila

ii. Mawra sa Ta' Qali

iii. Il-festa favorita tiegħi



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers